VASSALLI AND HIS TIMES A. CREMONA



f'surtek, iżda f'ġens artek. Mur u idh
ċkejken, mhux le
għand dawk il-għorrief ġermaniżi, ingliżi, franċiżi, taljani,
lilek jilqgħu b'imħabba u b'ferħa kbira, mhux le għax għarf
bħalna minn sider ommhom, iżda billi għarfu li inti wieħed mi
l-isbaħ u mil l-eqdem ilsna ta' l-Orjent. Imxi dejjem il-quddiem
q..tt la tħares lejn il babaw li juruk egħdewwietek, żomm
xandar dejjem ilsienek safi bħalma għal eluf ta' snin żamme
u qatt ma bżajt u la mill-Griegi, la mir-Rumani, Kartaġiniż
Spanjoli, Franċiżi, u mitt ġens ieħor li fuqek saltan. Kelm
oħra u biż-żejjed. Qabel inħallik nitolbok, ja *Malti* lsienna,
tiġi żżurna, jekk jista' jkun, aktar fil-qrib. Nitolbuk ukoll
kull mita toħroġ taħżen fik bosta tagħlim fuqek in-nifsek. N
tolbuk turina u tfissrilna s-sabiħ nisel tiegħek ; min kienet o
mok, min huma ħutek, qrabatek. Nitolbuk turina kif i
tassew ilsien għalik kif qal minnek il-għaref Pietru D'Ond
(fil-ktieb tiegħu Paġ. 202) "*Il linguaggio maltese, molti*
*credono arabo, ma in* VERITÀ È LINGUA A PARTE, *e propr*
*delle isole di Malta*". Urina, iva, kemm inti ta' mîn igħożż
u jfaħħrek kif qalet minnek il-għarfa: *Civiltà Cattolica "La li*
*gua maltese è venerabile per la sua antichità*" u fuq kollox urin
li minn għajrek ma jiġrilniex ħaġ'oħra ħlief bħal dik il-qas
li tixxejjer ma' kull riħ, billi ma għandhiex min iwiżinha, niti
ġensna: "*Nationality is tested by speech*", nitilfu:... "ta' demmna
fjur:—jitbiddel ħsiebna, jitbiddlu qlubna — it-tajjeb kollu jitl
u jmur". Is-sliem għalik, ja *Malti*.

M

*(Jaħfrilna M. talli qassarnielu xi ftit: dan għamilnieh billi ba*
*tulna tard ħafna u ma kellniex wisa' biż-żejjed.)*

## TNEHIDA

Issa kif ix-xemx għabet
għal kollox mill-għoljiet,
iġbor ma' dwarek, ħija,
għal ftit il-ħsibijiet.

Int rajtha fl-għodwa tielgħa
id-dawl tarmi bil-ħlewwa,
rajtha f'nofs il-jum tiżreġ
bħal nar ta' qilla w-dnewwa,

bil-ftit il-ftit bdiet tnaqqas
mal-jum, id-dawl u s-saħħa,
mal-jum għabet għal kollox,
xejn ma ħalliet minn tagħha

Sew-sew l-għamla ta' ħajtek
titla', tissaħħaħ, tmur,
dil-ħajja li bħal l-ilma
tinxered malli tfur.

C. M. B.

# MISTOQSIJIET U TWEĠIBIET

G. G. (GUDJA). Trid taf il-għala l-kunjomijiet (ismijiet tal-familja) ma niktbuhomx bl-ortografija tagħna bħal ma niktbu kliem ieħor.

L-isem tal-familja hi ħaġa li ma tistâx tmissha u għandek tħalliha kif dak li jkun wiritha u li fuqha, għal iktar minn raġuni waħda, l-alfabet xjentifiku tal-Għaqda ma għandu l-ebda jedd. Mhux hekk iktarx l-ismijiet tal-fonti, bħal ma ngħidu aħna: *Ġanni* flok *Gianni*; *Karmnu* flok *Carmnu*.

Ma ngħidlekx li dawn il-Kunjomijiet ma ssibhomx miktubin daqqa môd, daqqa ieħor, bħalma dlonk issib min jikteb : *Xerri* u *Scerri*, *Sciberras* u *Xiberras*, *Scicluna* u *Xicluna* fejn l-*sc* u l-*x* għandhom leħen wieħed, bħalma wkoll issib fil-kunjomijiet *Schembri* (Xkembri) *Cuschieri* (Kuxkieri) li xejn ma jaqbel ma' dak il-leħen li jâtu l-istess *sc* u *x* fil-kunjomijiet : *Gascun* (Gaskûn) *Axisa* (Aksisa).

Dawn huma fdalijiet u xhieda ta' dik il-kitba ewlenija f'Malta ta' xi 500 sena ilu u fuqhom, li biha, fuq l-ortografija taljana u sqallija ġew maħżużin min-nutari l-kunjomijiet maltin fit-testmenti u l-kuntratti, u bħala dokument ta' wirt ta' isem il-familja ma jistgħux jittiesfu, għalkemm miktubin ħażin.

Insibu l-istess ħaġa f'kunjomijiet ta' familji Ingliżi.

Ismijiet Maltin bħal: *Axiak*, *Agius*, *Ebejer*, jekk niġu għal dik li hi *etimoloġija* u *ortografija* tal-kelma, imisshom jinkitbu: *Għaxaq*, *Għaġuż*, *Għbejjer* (plur: ta *Għabura*). Fuq biljett ta' wieħed min-nobbli werrieta tal-kunjom *Axiak*, dan l-isem hu miktub *Għaxaq*, sinjal li dak li hu, għoġbu jibqa' jżomm l-ortografija ta' dan l-isem kif wiritha mir-razza.

G. M. (GĦAWDEX). Il-kelma *Mġarr*, mogħtija bħala plurâl ta' *Moġra* jew *Miġra*, fl-ewwel ħarġa tal-"*Malti*" paġ. 11., hi miktuba ħażin. Trid tiġi *Mġâr*. Nistqarru li l-iżball hu tagħna waħdu u mhux ta' T. Z. li kien kitibha sewwa. Waqt it-tiswijiet ta' l-istampa ħallatnieha mal-kelma *Mġarr* ta', ngħidu aħna, *Mġarr ix-Xini*, isem ta' post (*mimmât*) li ġej mill-verb: *ġarr* u mhux minn *ġera*, li minnu hu mnissel l-isem l-ieħor ta' *moġra*.

Għalkemm kif taħseb int il-kelma *Mġarr*, bħal l-isem ta' l-*Imġarr* ta' Għawdex, qiegħed biex ifisser *port* jew *lok*, iktarx f'xatt il-baħar, *mnejn u fejn* tinġarr il-merkanzija ta' l-ibliet. [cfr. VASSALLI. *Lexicon* 476] — isem imnissel mill-verb *ġarr*

. .naass (minn: ?nw) JJJ »-/>//,/ (m nii.
.mla^hda bħah j y Għawdex( għandi nifhem

Cf WteU ifb'm t,lr i tagħha^' ma kellux.
•m kiteb M r a h :Z L/mġàr ta'Malta, irħaj)el fUq •
r;l nTż;: egħu l-6^. nifhj
-triq ta'bej". Z (i;k lismijiet ta'post u ta dak it-tifsir

t-T.Z. Hk ^;jl l'halq il-poplu. Illum il-pop
l- '"a f S ta' moġta f'dak ta' Ag»r, (minn;
iktarx ^-1UV,1.Ur. ħżelx bejn il-ħoss U 'iMfrorr (ix-Xini)
J*r) uRħalhekk n ff miż•Zebbiegħ tR·

^,'1* jVhlv.iażàr. (-water course, channel. bed
() u l-plural u f ^J^Enjsh Dictionary) u s-suriet ta
Hii"Sor Malti' ta'għamla waħda bħal : darsa, dras; n&ġa. ngtiġ. H-Ium il-poplu flok ^ a rigħid z w
Cfr: VASSALI.I U FALZON.
F S (IL-BELT). Fil-qwiel maltin: /iena u ġe/\ intom u timx% il-pariiċella u ghandha t-tifsir ta' waqt li kont, kontu eċċ. Dim l-partiċella copulativa hija għalhekk imsejħa mill-grammatiċi ta' l-ilsna semitiċi waw conversivo, għaliex tbiddel it-tifsir tal verb hlprescnt jew fulur (aoristo) fit-temp imgħoddi Je vpassai biex tfiehem egħmil li sar fil-waqt ta'wieħed ieħor li qiegħed isir. L-?< (waw) conversivo fil-Malti għanriu dejjem qablu l-prouom ewlieni jiena, inli, hu jew il-plurali tagħhom. Il-par tiċipju present litih in-nifsu jfisser l-egħmil li qiegħed isii mis-suġġett joqgħod flok Yaoristo u jieħu l-« qablu bħal fil-qwiel: Jtcna u mtexi flok jiena u nimxu

Mhux tassewlidinal-ħaġa ssibha fil-Malti u fil-Lhudi biss
Srk LECA ^J>MaUa Cananea" pag: 240,qal li ma tinnk
W?^' naħSeb ll ħa żbaH- Qabbel il-qiriel: Ħawi /
i HKI/U Zj'^^/tal-Għarbi Tripolin (G»*
UO »Z< y!?a V at tal-Malti. fa) r/jgfcW* («
i ^ -7 bi !^-rju (SCIALHUB) U: tf**

nom. 111 w conversivo insemmgħuha wara l-pr"
Dl-lhudi sWnna
I ' ^ma >uri Wyner, il-pronom jiġi
A. C

# MALTA QADIMA.

Il-għer! dejiem sejjer il-quddiem, u bil-ftit il-ftit, il-bniedem qiegħed jinduna b'ħafna ħwejjeġ li qabel anqas biss kien joħlom-hom. Bis-saħħa t'hekk sirna nafu lid-dinja hija wisq eqdem milli konna naħsbuha u li l-bniedem deher fuq l-art elufta'eluf ta' snin ilu. Kemm sewwa, għadna ma nafux u mhux ftit huma l-ġlied bejn il-għorrief fuq daqshekk, għax min igħid ħaġa u min igħid oħra u kullħadd iridha tgħaddi tiegħu. Iżda minn daqs tant aħna żguri lid-dtnja hija wisq eqdem milli qabel konna naħsbuha.

Minn żmien il-ħo'qien, bosta tibdil għadda minn fuq l-art, u kieku kellna nsemmgħuhom kollha ma konna nispiċċaw qatt. Fost kollox nafti h l-art kienet sikwit titrigħed, għax il-qalba tagħha kienet għadha sħuna wisq. Dan it-tregħid sewa wisq biex ibiddel wiċċ l-art u għalhekk xejn ma għandna nistagħġbu li nibtet elf għolja ġdida u elf oħra indifnet taħt il-baħar.

Kien hemm żmien meta Malta u Għawdex—il-lum żewġt igżejjer żgħar ħafna—kienu ħaġa waħda ma'biċċa art kbira li kienet tgħaqqad l-Ewropa ma'l-Afrika. Imħabba xi tqallib fl-art, din irtadmet u baqa' minnha xiftit gżejjer, fosthom Malta u Għawdex. Iżda hawn min jaħseb—għalkemm mhux kullħadd jaqbel f'dan—illi għal l-ewwel, Malta kienet wisq ikbar milli hi l-lum, u fuqha kienu jgħixu elf xorta ta'bhejjem li l-lum bil-kemm nafu bihom.

Jekk tmorru l-Mużew tal-Belt taraw kull għadma daqsiex,li trid saħħa mhux żgħira biex tiżinha. Dari kienu jaħsbu li dak il-għadam kien ta'xiġganti ligħal xiżmien għammru f'Malta, imma l-lum sirna nafu lidin tal-ġganti hija ħrafa, u li dak il-għadam huwa ta'bhejjem kbar likienu jgħixu fi gżiritna fil-qedem nett. Fosthom issibu għadam ta' Ijunfanti kbar u żgħar, ta' driebes, ta'orsijiet, ta'fkieren imdaqqsa u x'naf jien.

Ma għandniex xingħidu, bhejjem ta' dak id-daqs ma kienux igħixu f'Malta kieku ma kienux isibu hawn ikel bix-xaba' u wesgħat u xmajjar fejn jistgħu jirgħu. Minn dawn ix-xmajjar kellna bosta u t-tħaffir li ħallew fl-arl huma u għaddejjin għadu jidher fil-widien tagħna lijekk tifiuhom tajjeb għandkom issibu-hom aktarx jàtu għall-baħar.

Imma donnu li t-theżżiż ta' l-art masiketx u li Malta saret hekk ċkejkna lima kienx hawn ikel biż-żeijed ħa'jxabba' l-anm-mali kbar, u dawn bdew imutu bil-mijiet u f'qasir żmien għabu